MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 419/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Agius**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Agius talli f'dawn il-Gzejjer f'dawn l-ahhar tnax-il xahar qabel l-10 ta' Frar 2000, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioe`:

(1) nhar-il Hadd 12 ta' Dicembru 1999 f'xi hin bejn it-3.00 p.m. u 12.00 a.m. ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn 'Villa Hafod' sitwata fi Triq Kurazza, Qawra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok, hin u bil-valur li

jeccedi l-elf lira (Lm1000) ghad-detriment ta’ Henricus Adrianos Kemmere u Isabella Maigje Kemmere;

(2) f’xi hin bejn nhar-il Gimgha 3 ta’ Dicembru 1999 u l-Hadd 5 ta’ Dicembru 1999 ikkommetta serq ta’ airconditioner u chiller minn ‘Villa La Palma’ sitwata fi Triq il-Merill, Kappara, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-hin u bil-valur ghad-detriment ta’ Edwin Mintoff;

(3) f’xi hin bejn nhar-il Gimgha, l-1 ta’ Ottubru 1999 u l-Gimgha 11 ta’ Frar 2000 ikkommetta serq ta’ diversi oggetti minn fond ‘Coral’ sitwat f’Dawret in-Nawfragju, San Pawl il-Bahar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-hin u bil-valur ghad-detriment ta’ Therese Barthet;

(4) bejn l-1 ta’ Ottubru 1999 u l-10 ta’ Frar 2000, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Novembru 2007, li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta’ l-imsemmi Joseph Agius, sabitu hati ta’ l-akkuzi dedotti kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 18, 261(b)(c)(e)(f), 263, 267, 269, 270, 278, 279 u 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu ghal piena ta’ sitt snin prigunerija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Joseph Agius ipprezentat fit-30 ta’ Novembru 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti (1) thassar is-sentenza appellata billi tiddikjaraha nulla u tiddisponi mill-appell skond il-ligi; (2) minghajr pregudizzju, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi imposta piena jew sanzjoni ohra li taghmel ahjar u aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat is-sentenza preliminari moghtija fit-8 ta’ Lulju 2009 li permezz taghha din il-Qorti cahdet l-ewwel aggravju ta’ l-appellant u ordnat il-prosegwiment tal-kawza;

Rat is-sentenza preliminari moghtija fit-18 ta’ Novembru 2009 li permezz taghha din il-Qorti cahdet it-tieni aggravju ta’ l-appellant u ordnat il-prosegwiment tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza tirrigwarda t-tielet aggravju ta’ l-appellant dwar il-piena. L-appellant jghid illi ghalkemm fil-kaz odjern ma kinux jezistu l-estremi tad-difiza taht l-artikolu 33(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, xorta wahda r-rizultanzi processwali kienu jindikaw li hawnhekk si tratta ta’ persuna b’karattru partikolari. Jghid illi mill-istqarrijiet tieghu wiehed jintebah li huwa persuna fragili u li serva bhala bicca ghodda konvenjenti f’idejn min kien professjonali fil-hsieb tieghu. Isostni li l-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti li huwa ghazel jghix hajtu bhala “a professional thief” hi konkluzjoni gratuwita minghajr fondament fattwali. Lanqas il-fedina penali tieghu ma taghti l-icken indikazzjoni f’das-sens. L-appellant josserva illi effettivament huwa kien gie mahkum minn certu Joseph Cini (“il-Pele”) u Miriam Bouvet u l-involviment tieghu kien jikkostitwixxi htija teknika bhala komplici. Izid jghid l-appellant illi l-ewwel Qori lanqas ma hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi huwa ametta proprju meta l-Avukat Generali hareg l-artikoli fir-rinviju ghall-gudizzju. L-appellant jireferi wkoll ghall-konkluzjoni tar-rapport ta’ l-ufficjal tal-*probation* li huwa “vulnerabbli” u kapaci li “jigi sfruttat”. Imbaghad apparti l-eta` tieghu u l-istat xejn felici ta’ sahhtu, martu mietet bil-kancer fil-mori ta’ dan l-appell.

Issa, hawn si trattava ta’ ammissjoni u, bhalma qalet din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jonathan Attard** moghtija fis-26 ta' Mejju 2004[1]:

[1] Ara wkoll, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **The Republic v. Ahmed Ben Taher**, 6 ta’ Ottubru 2003; **Ir-Repubblika v. Mohamed Mohamed Abusetta**, 4 ta’ Dicembru 2003; **Il-Pulizija v. Emmanuele Magro**, 2 ta’ Gunju 2004

**“Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista’ tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta’ appell ma jidhlux f’ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.”**

L-ewwel Qorti, ghall-finijiet ta’ kalibrar tal-piena, qalet precizament hekk:

“Illi l-Qorti wiznet bir-reqqa l-fatti kollha tal-kaz, il-provi voluminuzi migjuba mill-prosekuzzjoni; l-ammissjoni tardiva ta’ l-imputat, u cioe` moghtija wara illi l-prosekuzzjoni ghalqu l-provi taghhom kollha; il-fedina penali ta’ l-imputat; l-eta` avvanzata ta’ l-imputat; l-istat xejn felici tas-sahha tieghu; il-*pre-sentencing report* tal-*probation officer* u x-xiehda tieghu fejn indika li l-imputat kien persuna ta’ rieda dghajfa hafna, li facilment jigi nfluwenzat u anke wzat minn persuni ohra.
….
“Din il-piena giet akkordata mhux biss wara li din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatturi kollha aktar ‘il fuq imsemmija, izda wara li hija hadet in konsiderazzjoni wkoll il-gravita` tas-serqiet indikati fl-akkuza, l-ammont u l-valur tar-refurtiva rikoverata minn kull wahda mis-serqiet indikati fl-akkuza, u l-kwantita` ta’ refurtiva misjuba fil-*‘garage’* ta’ l-imputat, provenjenti minn sitt serqiet ohra u l-kwantita` ta’ oggetti ohra li s-sidien taghhom ma setghux jigu rintraccjati mill-Pulizija.”

Minn dan huwa evidenti illi l-ewwel Qorti hadet konjizzjoni tal-fatturi kollha msemmija mill-appellant fl-appell tieghu,

kif ukoll mill-banda l-ohra l-entita` tar-refurtiva. Izda mbaghad kompliet tghid hekk:

"Minn dan kollu, il-Qorti tifhem illi dan il-kaz non si tratta ta' persuna li ghelbitu t-tentazzjoni u waqa' u kkommetta serqa wahda, imma hawn si tratta ta' persuna illi ghazel li jghix il-hajja tieghu bhala *'a professional thief'*.

"Illi d-difiza ma rnexxilhiex tipprova lil din il-Qorti, almenu fuq bazi ta' probabilita`, li jsehhu cirkostanzi specjali u straordinarji li jimmilitaw favur l-imputat sabiex din il-Qorti tkun iggustifikata takkorda piena taht il-minimu stabbilit mil-ligi, u cioe` ai termini ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 9."

Minn ezami akkurata li din il-Qorti ghamlet tal-provi kollha, proprjament ma jistax jinghad illi l-appellant "ghazel li jghix il-hajja tieghu bhala *'a professional thief'*". Mill-provi fil-fatt jirrizulta illi huwa dahal jisraq flimkien ma' certu Joseph Cini f'fond wiehed biss – mnejn serqu *airconditioner* u *chiller* filwaqt illi fil-kazijiet l-ohra qaghad mal-*getaway car*. Dan naturalment xorta jirrendieh ko-awtur. Ara f'dan is-sens **Ir-Repubblika ta' Malta v. Martin Dimech** deciz fl-24 ta' Settembru 2004:

"Dwar jekk l-appellant ghandux jitqies bhala ko-awtur jew bhala komplici, m'hemm l-ebda dubju li l-appellant huwa ko-awtur fir-reat hawn in kwistjoni, *'ghax il-korreu mhux ristrett ghal dak biss li kien l-esekutur dirett ta' l-att konsumattiv izda jikkomprendi anke dawk li jippartecipaw f'kooperazzjoni diretta essenzjali ghall-esekuzzjoni tar-reat'* (Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Nazzareno Briffa et**, 3 ta' Frar 1984 - Vol. LXVIII.v.309; ara wkoll Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Salvu Muscat**, 9 ta' Novembru 1957 - Vol. XLI.iv.1484)."

Barra minn hekk mill-fedina penali tieghu jirrizultaw zewg kazijiet relatati: kaz wiehed ta' serq ta' oggetti li jiswew £2.15, liema serq kien aggravat bil-hin, u li dwaru b'sentenza tas-17 ta' Novembru 1970 kien inghata *conditional discharge* ghal perijodu ta' sena, u kaz ta' ricettazzjoni ta' oggetti li jiswew Lm60 li dwaru b'sentenza ta' l-20 ta' Novembru 1973 kien gie kkundannat ghall-hlas

ta' multa ta' Lm42. Konsegwentement ma jistax jinghad illi l-appellant kien *"a professional thief"*. Mill-banda l-ohra mill-fedina penali ta' Joseph Cini jirrizulta li dan kellu sensiela shiha ta' kundanni dwar serq.

Issa, bhalma jghid l-appellant stess, ghalkemm ma kinux jezistu l-estremi tad-difiza taht l-artikolu 33(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-appellant kien persuna ta' rieda dghajfa hafna, li facilment jigi nfluwenzat u anke wzat minn persuni ohra. Dan il-fattur pero` hareg aktar car mir-rapport tal-perit psikjatra Dr. Ethel Felice li kkonkludiet hekk:

"Minhabba f'personalita` inadekwata, intelligenza baxxa, esperjenzi tal-hajja negattivi jirrizulta li ghandu suggestibilita` bla ebda rezistenza jew nkella wahda baxxa u ghaldaqstant malajr jaqa' f'kull tentazzjoni. Ghax ghalkemm ihoss li forsi qed jaghmel hazin, ma jqisx il-konsegwenzi u ma jizinx il-periklu u jkun suggett ghal kull tentazzjoni ambjentali. Wara dawn il-kunsiderazzjonijiet nikkonkludi li l-perizjand is-Sur Joseph Agius, ibati minn dik li fil-psikjatrija nsibuha bhala *personality disorder* ta' tip inadekwat."

Naturalment dan ma jezimiehx mir-responsabbilta` ghall-partecipazzjoni tieghu fid-diversi reati illi huwa ammetta. Wara kollox, ghalkemm l-appellant jghid fl-istqarrijiet tieghu illi kien jibza' minn Joseph Cini, fl-istess hin jghid illi Cini ma heddux. Lanqas ma jirrizulta illi Cini ghamillu xi pistola ma' rasu. Jghid illi Cini kien igieghlu jmur mieghu. Ovvjament, minhabba l-karattru dghajjef tieghu, ma sabx il-forza biex jirrezisti lil Cini.

Mill-atti jirrizulta wkoll illi l-appellant irrilaxxja b'kollox erba' stqarrijiet, tnejn lill-Pulizija u tnejn quddiem l-espert tekniku. Fl-ewwel tnejn huwa cahad kull involviment, izda fit-tieni tnejn ammetta l-partecipazzjoni tieghu. Dan wahdu juri illi l-appellant gharaf li dak li kien ghamel kien hazin u ghalhekk ghall-bidu pprova jezimi ruhu minn kull responsabbilta`. Il-fatt ukoll illi jghid li kienet il-biza' li wasslitu biex jippartecipa, juri li kien jaf li dak li kien qieghed jaghmel kien hazin.

L-ewwel Qorti fis-sentenza taghha qalet ukoll illi ma kienx hemm cirkostanzi specjali u straordinarji li kienu jiggustifikaw illi hija takkorda piena izghar skond l-artikolu 21 tal-Kap. 9. Dan ifisser illi l-ewwel Qorti hasbet illi meta mponiet piena ta' prigunerija ta' sitt snin, din kienet il-piena minima li setghet timponi. Jigifieri hija riedet timponi l-piena minima. Mill-komputazzjoni li ghamlet din il-Qorti, l-ewwel Qorti ma kinitx korretta fil-komputazzjoni taghha.

L-ewwelnett il-piena applikabbli dwar l-ewwel tliet imputazzjonijiet hi dik skond l-artikolu 280 tal-Kap. 9 b'referenza ghall-artikolu 279 ta' l-istess Kap., u cioe` prigunerija minn tlettax-il xahar sa seba' snin mizjuda bi grad u li ghalhekk titla' ghal prigunerija minn tmintax-il xahar sa tnax-il sena. Peress illi hawn si tratta ta' reat kontinwat, il-Qorti tista' zzid il-piena bi grad jew tnejn. Mela jekk tizdied bi grad titla' ghal prigunerija minn sentejn sa ghoxrin sena u jekk tizdied b'zewg gradi titla' ghal prigunerija bejn tliet snin u tletin sena. Imbaghad trid tizdied il-piena ghar-raba' imputazzjoni li hija ta' terz sa nofs il-piena kontemplata fl-artikolu 279(b) tal-Kap. 9 li hi ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa seba' snin. Terz tal-minimu jekwivali ghal 4 xhur u ghaxart ijiem filwaqt illi terz tal-massimu jekwivali ghal sentejn u erba' xhur. Nofs il-minimu jekwivali ghal sitt xhur u hmistax-il gurnata filwaqt illi nofs il-massimu jekwivali ghal 3 snin u sitt xhur. Jekk ghall-ewwel tliet imputazzjonijiet il-Qorti kellha tapplika zieda ta' zewg gradi a tenur ta' l-artikolu 18 tal-Kap. 9 – li mhijiex tassattiva – u mbaghad izzid nofs il-minimu dwar ir-raba' imputazzjoni, l-oghla piena minima li l-ewwel Qorti setghet timponi kienet tkun ta' tliet snin sitt xhur u hmistax-il gurnata Mill-banda l-ohra, jekk ma tapplika ebda zieda skond l-imsemmi artikolu 18, lanqas piena minima li setghet timponi kienet tkun ta' sena ghaxar xhur u ghaxart ijiem.

Kollox ma' kollox din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti illi ghandha tigi applikata fil-konfront ta' l-appellant piena minima izda fil-parametri appena msemmija. Barra minn hekk, id-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin ghandu

jiehu hsieb jipprovdi lill-appellant l-ghajnuna psikologika u psikjatrika li jehtieg.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal prigunerija ghal perijodu ta’ sitt snin u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta’ sentejn u sitt xhur bit-tnaqqis taz-zmien li ghamel taht arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------